**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/049 |
| **Ilment:** | Konflitt ta' interess u taħlit ta' rwoli da parti tas-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said in konnessjoni ma' attività organizzata minnha |
| **Ilmentatur:** | Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 5 ta' Lulju 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 15 ta' Settembru 2023 |

**L-Ilment**

1. Dan huwa ilment mill-Professur Arnold Cassola rigward attività mnedija mill-Onor. Alicia Bugeja Said bħala Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali u msejħa "Swimming with Tuna in Aid of Abandoned Animals". L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-Dokument A.

2. L-ilmentatur qed jallega li din l-attività tirrappreżenta:

(a) konflitt ta' interess da parti tal-Onor. Bugeja Said għaliex saret b'kollaborazzjoni mal-industrija tat-tonn, li hija regolata minnha; u

(b) taħlit ta' rwoli għaliex l-Onor. Bugeja Said għamlet użu mir-riżorsi tal-ministeru tagħha sabiex tirriklama l-attività lill-impjegati tal-istess ministeru, minkejja li organizzat l-attività f'kapaċità personali għal skop politiku.

3. L-ilmentatur inkluda mal-ilment tiegħu poster li sar biex jirreklama l-attività, kif ukoll stedina għall-attività li ntbagħtet bl-email lill-impjegati tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Dawn huma annessi ma' dan ir-rapport bħala d-Dokumenti B u Ċ rispettivament.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

4. Dan l-Uffiċċju deherlu li l-ilment kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

*4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*

*4.8 Il-Ministri m'għandhom jaċċettaw ebda rigali jew benefiċċji, salv kif provdut f'dan il-Kodiċi, li jistgħu jew jistgħu raġonevolment joħolqu impressjoni li qed jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom jew li jpoġġuhom taħt xi obbligazzjoni mhux xierqa.*

*4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

*4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.*

*8.4 Ebda Ministru m'għandu jaċċetta rigali, donazzjonijiet, ospitalità jew servizzi mingħand xi ħadd, li jistgħu jpoġġuh taħt obbligazzjoni lejn dik il-persuna jew persuni u dan għandu wkoll japplika għall-membri tal-familja immedjata tal-Ministru. F'każ ta' dubju għandu jiġi kkonsultat il-Prim Ministru.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

5. Dan l-Uffiċċju rrefera l-ilment lill-Onor. Bugeja Said permezz ta' ittra datata 7 ta' Lulju 2023. Din l-ittra rreferiet lill-Onor. Bugeja Said għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali. Hija ġiet mitluba tagħti l-veduti tagħha b'mod ġenerali dwar l-ilment, u tgħid ukoll:

(a) x'kontribut finanzjarju, loġistiku jew ta' xorta oħra ingħata fl-attività in kwistjoni minn operaturi fil-qasam tas-sajd u l-akwakultura;

(b) f'każ li kien hemm tali kontribut, jekk taħsibx li dan qegħedha f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' interess fil-kapaċità tagħha bħala Segretarju Parlamentari;

(ċ) x'inhi r-raġuni li l-poster dwar l-attività (Dokument B) kien jinkludi l-logo użat minnha fl-attivitajiet politiċi tagħha;

(d) jekk jidhrilhiex li l-istedina għall-attività (Dokument Ċ), li tidher li ntbagħtet lil kull impjegat fil-Ministeru għall-Agrikoltura, kinitx tirrappreżenta pressjoni fuq l-impjegati biex jattendu l-attività;

(e) x'sehem kellhom l-impjegati tal-ministeru, inkluż il-membri tas-segretarjat privat tagħha, fl-organizzazzjoni tal-attività;

(f) jekk il-ministeru tax kwalunkwe forma ta' kontribut ieħor, inkluż finanzjarju, fl-organizzazzjoni tal-attività; u

(g) jekk taħsibx li din l-attività kienet tirrappreżenta taħlit tal-irwoli tagħha bħala Segretarju Parlamentari u bħala deputat; użu ħażin ta' riżorsi pubbliċi; ksur tal-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku; u abbuż tal-influwenza tagħha fuq l-istess servizz.

6. L-Onor. Bugeja Said irrispondiet permezz ta' ittra tas-7 ta' Awwissu 2023 (annessa bħala d-Dokument D). Qabel xejn qalet li l-attività kienet riservata biss għall-impjegati tal-ministeru li miegħu hija assenjata u tas-segretarjat immexxi minnha, u għalhekk ma kinitx miftuħa għall-pubbliku in ġenerali u l-kostitwenti tagħha. Ir-risposti l-oħra qed jiġu imniżżlin fis-sekwenza li intbagħtu.

(a) L-Onor. Bugeja Said iddikjarat li ma kien hemm ebda kontribut finanzjarju minn operaturi fil-qasam tas-sajd u l-akwakultura. Qalet ukoll li l-uniku kontribut kien li l-operatur spjega kif jieħu ħsieb il-ħut u pprovda trasport lill-parteċipanti mix-xatt sal-Fish Farms.

(b) L-iskop tal-attività kien li jservi ta' team building għall-impjegati u jinġabru donazzjonijiet biex jgħinu annimali abbandunati. Kwindi skont l-Onor. Bugeja Said, hija ma tpoġġiet f'ebda konflitt ta' interess fil-kapaċità governattiva tagħha.

(ċ) Fir-rigward tal-użu tal-logo, l-Onor. Bugeja Said ammettiet li "*kien ikun aktar proprju kieku ma ntużax l-istess disinn li jintuża għal skopijiet oħra*". Żiedet però li kif ġia ingħad din ma kinitx attività pubblika iżda waħda intiża għall-impjegati li ssemmew.

(d) L-Onor. Segretarju Parlamentari ċaħdet li kien hemm xi pressjoni biex l-impjegati jattendu għall-attività, tant li numru żgħir biss ta' impjegati attendew għall-imsemmija attività.

(e) Dwar is-sehem tal-impjegati fis-segretarjat f'din l-attività, dan kien biss li jibagħtu l-emails relattivi u jiġbru l-ismijiet u d-donazzjonijiet ta' dawk li attendew.

(f) Ma ngħata ebda kontribut finanzjarju mill-ministeru għal din l-attività.

(g) Fir-rigward tal-mistoqsija dwar taħlit tal-irwoli tagħha bħala Segretarju Parlamentari u bħala deputat, u dwar użu ħażin ta' riżorsi pubbliċi, ksur tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku u abbuż tal-influwenza tagħha fuq l-istess servizz, l-Onor. Bugeja Said irrispondiet billi għamlet riferenza għal dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti. Hija insistiet ukoll li ma ntużawx riżorsi pubbliċi u li l-email illi intbagħtet kienet l-uniku mezz li bih twassal il-messaġġ relattiv.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali li huma kkwotati fuq tqiesu relevanti għall-ilment minħabba l-allegazzjoni li l-attività in kwistjoni kienet waħda politika li għaliha ġew mistednin l-impjegati tal-Ministeru għall-Akwakultura, u li l-operaturi fil-qasam tas-sajd u l-akwakultura taw kontribut għall-attività.

8. Ġaladarba l-attività kienet immirata esklussivament lejn l-impjegati tal-Ministeru għall-Agrikultura, u ġaladarba ma kienx hemm kontribut ta' sustanza da parti tal-operaturi fil-qasam tas-sajd u l-akwakultura, id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi ta' Etika li ġew elenkati fuq jaqgħu ħlief l-artikolu 4.9. Dan jirrendi l-każ inqas gravi milli kien jidher mal-ewwel daqqa t'għajn.

9. Dan qed jingħad għaliex hija prattika komuni u aċċettata li entitajiet, kemm pubbliċi u kemm privati, jorganizzaw attivitajiet ta' team-building għall-impjegati tagħhom. Xorta kienu jqumu domandi leġittimi f'dan il-każ kieku operaturi privati li huma regolati mill-Ministeru għall-Agrikoltura taw kontribut sinjifikanti għall-attività, iżda l-kontribut tagħhom kien limitat ħafna u ma kienx finanzjarju. Ministeru m'għandux jidħol f'obbligi lejn l-operaturi li huma regolati minnu, iżda dan ma jeskludix kull forma ta' kuntatt għaliex fl-istess waqt l-impjegati tal-ministeru għandhom ikunu familjari mas-settur li jaqa' taħthom.

10. Jibqa' l-fatt li l-Onor. Bugeja Said użat il-logo personali tagħha biex tirriklama attività intiża għall-impjegati tal-ministeru tagħha. Fir-risposta tagħha l-Onor. Bugeja Said għarfet li għamlet ħażin li inkludiet l-istess disinn li jintuża minnha għal "*skopijiet oħra*" (jiġifieri attivitajiet politiċi). Biss, din ir-risposta tindika li fil-fehma tal-Onor. Bugeja Said kien ikun aċċettabbli kieku inkludiet isimha fil-forma ta' disinn differenti.

11. Għalhekk, fil-21 ta' Awwissu 2023 dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Onor. Bugeja Said (Dokument E) biex jinformaha li "*jekk ismek jidher fil-pubbliċità għal xi attività uffiċjali, anki jekk b'disinn differenti, dan jagħti x'jifhem li qed tipprova tagħmel gwadann personali jew politiku mill-attività billi tieħu l-kreditu għaliha f'għajnejn il-pubbliku. Sitwazzjoni bħal din għandha tiġi evitata.*"

12. Permezz tal-istess ittra dan l-Uffiċċju informa lill-Onor. Bugeja Said li fil-fehma tiegħu, l-użu ta' isimha u l-logo personali tagħha f'dan il-każ kien jirrappreżenta ksur tal-artikolu 4.9 tal-kodiċi ta' etika ministerjali. Madankollu, dan l-Uffiċċju qal ukoll li l-każ seta' jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

13. Bħala rimedju għall-finijiet tal-artikolu 22(5), dan l-Uffiċċju ppropona li l-Onor. Bugeja Said tibgħat apoloġija bil-miktub talli ntużaw isimha u l-logo personali tagħha in konnessjoni mal-attività in kwistjoni, u tintrabat li dan ma jerġax jiġri fil-futur.

14. L-Onor. Bugeja Said wieġbet fl-1 ta' Settembru 2023 (Dokument F) u qalet:

*Filwaqt li nikkonferma illi l-logo personali b'ismi li ntuża fuq l-avviż relatat mal-attività kkonċernata ntuża mingħajr l-ebda skop ulterjuri, umilment niskuża ruħi ta' dan l-iżball li seta' jiġi evitat faċilment.*

*Ser inkun qed naċċerta li din l-okkorenza ma terġax tirrepeti ruħha fil-futur. Ċertament ma kinitx l-intenzjoni tiegħi illi b'xi mod nonqos milli nżomm separati l-irwoli tiegħi bħala Segretarju Parlamentari u bħala membru ta' partit politiku.*

## Konklużjoni

15. Bis-saħħa ta' din l-apoloġija is-sottoskritt qed jagħlaq il-każ ai termini tal-imsemmi artiklu 22(5) tal-Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-ilmentatur u lill-Onor. Alicia Bugeja Said, kif ukoll lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 5 ta' Lulju 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola |
| Dokument B | Poster dwar l-attività "Swimming with Tuna in Aid of Abandoned Animals" |
| Dokument Ċ | Email datata 3 ta' Lulju 2023 lill-impjegati tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali |
| Dokument D | Ittra datata 7 ta' Awwissu 2023 mingħand is-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said |
| Dokument E | Ittra datata 21 ta' Awwissu 2023 lill-Onor. Bugeja Said |
| Dokument F | Risposta datata 1 ta' Settembru 2023 mingħand l-Onor. Bugeja Said |

DOKUMENT A

*Email datata 5 ta’ Lulju 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola*

Ghaziz Kummissarju Azzopardi ,

Is-Seg. Parlamentari Alicia Bugeja Said qed ittella' attivita' bi hlas mill-pubbliku fil-kapaċità tagħha personali nhar il-Gimgha li gejja. L-attivita' jisimha " Swimming with tuna".

Din it-tip ta' attivita' tista' tittella' biss b'kollaborazzjoni mal- industrija ta' min irabbi t-tonn. Din il-kollaborazzjoni tohloq kunflitt ta' interess ghaliex Dr Bugeja Said hija r-regolatur ta' din l-industrija.

Apparti l-kunflitt t'interess, hemm fattur iktar inkwetanti li għandu jigi indirizzat. Dak il-poster flimkien ma' email dwar din l-attivita ġew mibgħuta lill-ħaddiema taċ-ċivil li jagħmlu parti mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Dan l-avveniment ma jidher bl-ebda mod li hu organizzat min-naħa tal-Ministeru hekk kif fil-poster stess intuza l-logo personali tal-kandidata u mhux dak tas-Segretarju Parlamentari.

Jiena nemmen li ma huwiex etiku li Segretarju Parlamentari tagħmel attività fil-kapaċità tagħha bħala Kandidat u mhux fil-kapaċità tagħha bħala Segretarju Parlamentari u tagħmel użu mid-data tal-ħaddiema tal-ministeru meta hi qed tippromovi avveniment personali li m'għandux x'jaqsam mal-ministeru. Ghandek anness l-email li rċevew il-ħaddiema tal-Ministeru kif ukoll il-poster.

Ninsab urtat ħafna għax nemmen li dan huwa każ gravi ta' ksur ta' etika għax qed jiġu wżati data u emails ta' ħaddiema ingaġġati maċ-ċivil sabiex is-Segretarju Parlamentari tippromovi dan l-avveniment li għalkemm jista' jkollu għan tajjeb, l-għan aħħari huwa ta' exposure politika.

Nemmen li dan il-każ imur kontra kull etika u ghalhekk qed nitolbok ghal investigazzjoni.

Nirringrazzjak u nselli ghalik ,

Arnold Cassola

DOKUMENT B



Save All Attachments
Upload
Upload All Attachments
Select All
Copy
Show Message
Back to message
Image dimensions: 1600 x 1600
Swimming with Tuna Experience.jpeg
391 KB
Alicia
Bugeja Said
SWIMMING
WITH TUNA
IN AID OF ABANDONED ANIMALS
7TH JULY 2023
DONATION OF €10
RSVP BY 5TH JULY
LIMITED SEATS AVAILABLE

DOKUMENT Ċ

Swimming with Tuna in aid of Abandoned Animals

RA Registry at MAFA-SSD
To Registry at MAFA-SSD

Reply | Reply All | Forward | ...

Mon 03/07/2023 10:20

This message was sent with High importance.



Swimming with Tuna Experience.jpeg
391 KB

Dear All,

Regarding the below event, kindly note that the correct date should read: **Friday 7th July 2023.**

Parliamentary Secretary Alicia Bugeja Said has the pleasure to invite all Ministry employees for a unique experience towards a good cause to help abandoned animals.

This event will take place on the 7th July 2030, and will start at 2:30pm.

Further details can be found in the attachment. For more information and to reserve your place, kindly send an email to ritgrace.delia@gov.mt.

Regards

Registry MAFA

Corporate Services Directorate
Strategy and Support Division

t +356 22924523 e registry.mafa@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

AGRICULTURE RESEARCH & INNOVATION HUB, MARSA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

DOKUMENT D

7 t'Awwissu 2023.

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissjarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210,
Malta.

Għażiż Kummissarju,

**Każ K/049: attività personali li allegatament tinvolvi konflitt ta' interess u taħlit ta' rwoli**

Nikteb b'risposta għall-ittra tiegħek datata 7 ta' Lulju 2023 rigward il-każ suespost. Fl-ewwel lok, bħala rimarka ġenerali, nemmen illi hemm interpretazzjoni żbaljata minn min għamel l-ilment fuq ħsibijiet wara l-attività "Swimming with Tuna in Aid of Abandoned Animals". Din l-attività ittellgħat minni fil-kapaċità tiegħi bħala Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, u din bħala "Team Building Event" b'għan edukattiv għall-impjegati fi ħdan l-istess Ministeru u s-Segretarjat. Fil-fatt l-istedina intbagħtet lill-impjegati kollha fuq l-indirizz elettroniku info@mafa.gov.mt. Nikkjarifika wkoll illi din l-attività attendew għaliha biss impjegati tal-Ministeru u Segretarjat, u li m'għandhiex titqies bħala attività politika stante li ma kinitx miftuħa għal membri tal-pubbliku u kostitwenti.

Kif inhu mitlub minni permezz tal-ittra tiegħek datata 7 ta' Lulju 2023, ser inkun qed ngħati l-veduti tiegħi għall-mistoqsijiet imressqa:

<u>(a) X'kontribut finanzjarju, loġistiku jew ta' xorta oħra ingħata jew jingħata fl-attività in kwistjoni minn operaturi fil-qasam tas-sajd u l-akwakultura;</u>

Nikkonferma li ma kien hemm l-ebda kontribut finanzjarju minn operaturi fil-qasam tas-sajd u l-akwakultura. L-uniku kontribut li kien hemm mill-operaturi kien l-esperjenza edukattiva fejn l-operatur spjega fuq il-ħut u kif jieħdu ħsiebhom u t-trasport tal-parteċipanti ta' din l-attività minn max-xatt sal-Fish Farms, u dan sar permezz ta' dgħajsa li tintuża mill-operaturi stess bħala parti mir-rutina ta' kuljum sabiex iwettqu l-ispezzjonijiet neċċessarji u jieħdu ħsieb il-ħut.

<u>(b) f'każ li hemm tali kontribut, jekk taħsibx li dan iqegħdek f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' interess fil-kapaċità tiegħek bħala Segretarju Parlamentari;</u>

Kif spjegat fir-risposta preċedenti, l-għanijiet prinċipali ta' din l-attività kienu li (i) sservi ta' team building b' laqta edukattiva għall-impjegati, u (ii) jinġabru donazzjonijiet għal għaqdiet

li jgħinu l-annimali abbandunati. L-attività tista' titqies bħala żjara u li ma kienet tinvolvi l-ebda kontribut sinifikanti mill-operaturi fil-qasam tal-akwakultura. Għaldaqstant ma naħsibx li l-attività setgħet b'xi mod tpoġġi lili f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess fil-kapaċità tiegħi bħala Segretarju Parlamentari.

(c) x'inhi r-raġuni li l-poster anness mal-ilment (Dokument B) jinkludi l-logo li inti wżajt fl-attivitajiet politiċi tiegħek bħala kandidat fl-elezzjoni ġenerali u li għadu qed jintuża minnek fl-attivitajiet politiċi tiegħek bħala deputat parlamentari;

Il-logo intuża mingħajr l-ebda intenzjoni ulterjuri u ntuża sabiex juri li l-attività kienet qed tiġi organizzata minni. Minkejja li l-logo juri biss ismi u l-ebda dettal ieħor partikolari, nistqarr li kien ikun aktar proprju kieku ma ntużax l-istess disinn li jintuża għal skopijiet oħra. Fl-aħħar mill-aħħar din ma kinitx attività pubblika u kienu mħeġġa jattendu biss impjegati tal-Ministeru u s-Segretarjat li ġejjin minn diversi bnadi minn madwar il-pajjiż li mhux neċessarjament huma parti mill-kostitwenza tiegħi.

(d) jekk jidhirlekx li l-istedina annessa mal-ilment (Dokument Ċ), li għandi nifhem intbagħtet kull impjegat fil-Ministeru għall-Agrikoltura tirrappreżenta pressjoni fuq l-impjegati biex jattendu l-attività;

Tant kemm ma kienx hemm pressjoni fuq l-impjegati sabiex jattendu l-attività, li ma kien hemm l-ebda forma ta' komunikazzjoni, appelli jew messaġġi magħhom dwar l-attività minbarra l-email bid-dettalji dwar l-attività. L-attendenza għal din l-attività tikkonferma li kien numru biss żgħir ta' mistiedna li attwalment attendew l-attività, u allura ċertament li ma kienx hemm pressjoni sabiex l-impjegati jattendu bilfors.

(e) x'sehem kellhom l-impjegati tal-ministeru, inkluż il-membri tas-Segretarjat privat tiegħek, fl-organizzazzjoni tal-attività;

Is-sehem li kellhom impjegati tas-Segretarjat kien; l-istedina li ntbgħatet permezz ta' email lill-impjegati kollha permezz ta' email ġeneriku, u l-ġbir tal-ismijiet u donazzjonijiet ta' dawk li attendew għall-attività.

(f) jekk il-Ministeru tax kwalunkwe forma ta' kontribut ieħor, inkluż finanzjarju, fl-organizzazzjoni tal-attività; u

Ma ingħata l-ebda forma ta' kontribut ieħor, b'mod speċjali l-ebda kontribut finanzjarju, mill-Ministeru għall-organizazzjoni ta' din l-attività.

(g) jekk tahsibx li din l-attività tirrappreżenta taħlit tal-irwoli tiegħek bhala Segretarju Parlamentari u bħala deputat; użu ħażin ta' riżorsi pubblici, ksur tal-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku; u abbuż tal-influwenza tiegħek fuq l-istess servizz.

Le ma naħsibx li kien hemm taħlit ta' irwoli tiegħi bhala Segretarju Parlamentari u bħala deputat u dan għal raġunijiet spjegati f'din ir-risposta. Ma naħsibx u ma naqbilx lanqas li kien

hemm użu ħażin ta' riżorsi pubbliċi; dan għaliex ma ntużawx riżorsi pubbliċi u l-email li ntbatet kienet l-unika mezz kif twassal il-messaġġ dwar l-attività għand l-impjegati.

Nittama li din ir-risposta hija suffiċjenti sabiex jiġi kkonfermat li ma kien hemm ebda konflitt ta' interess da parti tiegħi, filwaqt illi nibqa' disponibbli sabiex nipprovdi informazzjoni ulterjuri jew nikkonferma r-rsiposta tiegħi b'ġurament skond il-ħtieġa.

Insellimlek,



Dr. Alicia Bugeja Said MP
Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali

DOKUMENT E

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

21 ta' Awwissu 2023

L-Onor. Alicia Bugeja Said MP
Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali

Bl-email fuq alicia.bugeja-said@gov.mt

Onorevoli Bugeja Said,

**Każ K/049: attività personali li allegatament tinvolvi konflitt ta' interess u taħlit ta' rwoli**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tas-7 ta' Lulju 2023, u r-risposta tiegħek tas-7 ta' Awwissu.

Fir-risposta tiegħek għad-domanda (ċ), inti għedt *"Il-logo intuża mingħajr l-ebda intenzjoni ulterjuri u ntuża sabiex juri li l-attività kienet qed tiġi organizzata minni. Minkejja li l-logo juri biss ismi u l-ebda dettal ieħor partikolari, nistqarr li kien ikun aktar proprju kieku ma ntużax l-istess disinn li ntuża għal skopijiet oħra."*

Dan l-Uffiċċju japprezza r-rikonoxximent tiegħek li l-użu tal-logo personali tiegħek f'poster li rriklama attività uffiċjali ma kienx xieraq.

Madankollu, ir-risposta tiegħek tagħti x'tifhem li għalik huwa aċċettabbli li jidher ismek fil-pubbliċità għal attivitajiet uffiċjali, basta mhux bl-istess disinn li jintuża minnek għal skopijiet politiċi. Fil-fehma ta' dan l-Uffiċċju, jekk ismek jidher fil-pubbliċità għal xi attività uffiċjali, anki jekk b'disinn differenti, dan jagħti x'jifhem li qed tipprova tagħmel gwadann personali jew politiku mill-attività billi tieħu l-kreditu għaliha f'għajnejn il-pubbliku. Sitwazzjoni bħal din għandha tiġi evitata.

Mill-informazzjoni pprovduta minnek, dan l-Uffiċċju wasal għall-konklużjoni li l-użu ta' ismek u l-logo personali tiegħek f'dan il-każ jirrappreżentaw ksur tal-artikolu 4.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jgħid:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

Madankollu, dan il-każ jista' faċilment jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat. B'hekk il-każ ma jiġix riferut għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Fil-fehma ta' dan l-Uffiċċju, ikun rimedju adegwat jekk inti tibgħat apoloġija qasira bil-miktub talli intużaw ismek u l-logo personali tiegħek fil-poster tal-attività in kwistjoni u tintrabat li dan ma jerġax jiġri fil-futur. Jekk taċċetta din il-proposta, dan l-Uffiċċju jikkwota l-apoloġija fir-rapport tiegħu u jagħlaq il-każ.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 1 ta' Settembru 2023**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT F

L-1 ta’ Settembru 2023.

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissjarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika,
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210,
Malta.

Għażiż Kummissarju,

**Każ K/049: attività personali li allegatament tinvolvi konflitt ta’ interess u taħlit ta’ rwoli**

Nikteb b’risposta għall-ittra tiegħek datata 21 t’Awwissu 2023 rigward il-każ suespost.

Filwaqt li nikkonferma illi l-logo personali b’ismi li ntuża fuq l-avviż relatat mal-attività kkonċernata ntuża mingħajr l-ebda skop ulterjuri, umilment niskuża ruħi ta’ dan l-iżball li seta’ jiġi evitat faċilment.

Ser inkun qed naċċerta li din l-okkorenza ma terġax tirrepeti ruħha fil-futur. Ċertament ma kinitx l-intenzjoni tiegħi illi b’xi mod nonqos milli nżomm separati l-irwoli tiegħi bħala Segretarju Parlamentari u bħala membru ta’ partit politiku.

Insellimlek,



Dr. Alicia Bugeja Said MP
**Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali**

General